

*Appellat*: Manuel Simões Dos Santos (Alicante, Spanja) (rappreżentant: A. Creus Carreras, avukat)

### Suġġett

Appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (L-Ewwel Awla) tal-5 ta' Mejju 2009, Simões Dos Santos vs UASI (F-27/08, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), intiż għall-annullament ta' din is-sentenza.

### Dispożittiv

- (1) Il-punti 2 sa 5 tad-dispożittiv tas-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (L-Ewwel Awla) tal-5 ta' Mejju 2009, Simões Dos Santos vs UASI (F-27/08, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), huma annullati.
- (2) Il-kumpliment tal-appelli prinċipali u inċidentali huwa miċħud.
- (3) Il-kawża hija rrinvjata quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.
- (4) L-ispejjeż huma rriżervati.

(<sup>1</sup>) ĠU C 220, 12.09.2009.

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Novembru 2010 — Deutsche Bahn vs UASI (Tagħqid tal-kuluri griż u aħmar)

(Kawża T-404/09) (<sup>1</sup>)

*(“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja li tikkonsisti f'tagħqid orizzontali tal-kuluri griż u aħmar — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)*

(2011/C 13/48)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

*Rikorrenti*: Deutsche Bahn AG (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentanti: U. Hildebrandt, K. Schmidt-Hern u B. Weichhaus, avukati)

*Konvenut*: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) (rappreżentant: G. Schneider, aġent)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tat-23 ta' Lulju 2009 (Każ R 379/2009-1), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' sinjal ta' kulur, li jikkonsisti fit-tagħqid tal-kuluri griż u aħmar, bħala trade mark Komunitarja.

### Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.

- (2) Deutsche Bahn AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 297, 05.12.2009.

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Novembru 2010 — Deutsche Bahn vs UASI (Tagħqid vertikali tal-kuluri griż u aħmar)

(Kawża T-405/09) (<sup>1</sup>)

*(“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja li tikkonsisti f'tagħqid vertikali tal-kuluri griż u aħmar — Raġuni relattiva għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)*

(2011/C 13/49)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

*Rikorrenti*: Deutsche Bahn AG (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentanti: U. Hildebrandt, K. Schmidt-Hern u B. Weichhaus, avukati)

*Konvenut*: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġent)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tat-23 ta' Lulju 2009 (Każ R 372/2009-1), dwar applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' sinjal bil-kulur, li jikkonsisti fit-tagħqid tal-kuluri griż u aħmar, bħala trade mark Komunitarja.

### Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Deutsche Bahn AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 297, 05.12.2009.

### Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Novembru 2010 — Victoria Sánchez vs Il-Parlament u Il-Kummissjoni

(Kawża T-61/10) (<sup>1</sup>)

*(“Rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni — Nuqqas ta' teħid ta' miżuri — Talba għall-ħruġ ta' ordni — Talba għal miżuri ta' protezzjoni — Rikors parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat”)*

(2011/C 13/50)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

### Partijiet

*Rikorrent*: Fernando Marcelino Victoria Sánchez (Sevilla, Spanja) (rappreżentanti: inizzjalment N. Domínguez Varela, sussegwentement P. Suarez Plácido, avukati)